**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Avviz Nru. 829/01VG**

**Mark u Sharon konjugi Borg Costanzi**

**Vs**

**Brian Camilleri u Rosanne Camilleri**

**Illum 20 ta' Frar 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat minn Mark u Sharon konjugi Borg Costanzi fit-28 ta' Settembru 2001 permezz ta' liema jitolbu li l-Qorti tikkundanna lil Brian Camilleri u Rosanne Camilleri jhallsuhom is-somma ta' erbat elef u hames mitt Lira Maltija (Lm4,500), illum ekwivalenti ghal €10,482.18, rapprezentanti bilanc mhux imhallas minn prezz tal-bejgh ta' vettura tat-tip Volkswagen Golf bin-Numru ta' Registrazzjoni CBS-594, skond skrittura privata datata 2 ta' Gunju 1999, annessa ma' l-Avviz bhala Dok. "A", bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz, kontra Brian Camilleri u Rosanne Camilleri;

Rat l-iskrittura privata datata 2 ta' Gunju 1999 esebita flimkien ma' l-Avviz markata Dok. "A" a fol. 2 u 3 tal-process;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Brian Camilleri u Rosanne Camilleri permezz ta' liema jeccepixxu illi: (i) t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huma ottemperaw ruhhom ma' dak li tipprovdi l-iskrittura ta' bejgh datata 2 ta' Gunju 1999. Il-bilanc li tieghu qed jintalab il-hlas permezz tal-proceduri odjerni ghandu skond dik l-iskrittura jithallas "*minn kull kont dovut lil Timeo Restaurant*", Klawsola Numru 1; (ii) fid-dawl ta' dak li gie pattwit, it-talba ta' l-atturi kellha ssir fil-konfront ta' Joseph Balzan li huwa l-proprjetarju tat-Timeo Restaurant u l-atturi rrikonoxxew li "*bhala responsabilità tal-pagamenti l-kondizzjoni tibqa' li t-Timeo Restaurant jibqa' responsabbli tal-*

*pagament totali kif originarjament gie maqbul*"; huma ghalhekk jitolbu l-kjamata in kawza ta' Joseph Balzan; (iii) l-ebda parti ghal ftehim ma tista' tvarjah unilateralment, il-hlas ma jistax jintalab minghand il-konvenuti;

Rat id-Digriet moghti fis-6 ta' Novembru 2003[1] in forza ta' liema giet michuda it-talba tal-konvenuti ghall-kjamata in kawza ta' Joseph Balzan;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur Mark Borg Costanzi moghtija waqt is-seduti tas-6 ta' Mejju 2002[2] u ta' l-20 ta' Novembru 2012[3], rat l-affidavits tal-konvenuti Brian Camilleri u Rosanne Camilleri u ta' Marcello Cassar esebiti bhala Dok. "RB1" sa' Dok. "RB3", kif ukoll d-dokumenti annessi ma' l-affidavit tal-konvenut, permezz ta' Nota pprezentata fl-4 ta' Ottubru 2002 a fol. 18 sa' 29 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut Brian Camilleri moghtija waqt is-seduti tas-17 ta' Frar 2003[4], tad-19 ta' Lulju 2004[5], tat-13 ta' Marzu 2012[6], ta' l-24 ta' Mejju 2012[7] u tat-13 ta' Jannar 2014[8] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "BC2" a fol. 144 sa' 149 tal-process u Dok. "X" esebit permezz ta' Nota pprezentata fl-24 ta' Gunju 2013 a fol. 184 u 185 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Rosanne Camilleri moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2003[9] u x-xhieda ta' Marcello Cassar moghtija waqt is-seduti tas-17 ta' Frar 2003[10] u ta' l-24 ta' Gunju 2013[11], semghet ir-registrazzjoni esebita mill-konvenut a fol. 58 u mill-gdid a fol. 143 [Dok. "BC1"] tal-process u rat it-traskrizzjoni ta' l-istess registrazzjoni a fol. 58 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Charles Vella moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Lulju 2004[12] u x-xhieda ta' Kevin Mifsud moghtija waqt is-seduti tas-26 ta' Mejju 2011[13], tat-23 ta' April 2012[14] u tat-13 ta' Jannar 2014[15] u rat id-dokument esebit minnu a fol. 136 tal-process u semghet ix-xhieda ta' Stephen Cachia in rapprezentanza ta' l-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta moghtija waqt is-seduti tat-18 ta' Frar 2013[16] u tal-15 ta' April 2013[17] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "SC1" u Dok. "SC2" a fol. 173 sa' 177 tal-process;

Rat id-Digriet moghti fit-30 ta' Marzu 2004[18] in forza ta' liema giet milqugha t-talba tal-konvenuti ghall-prezentata w esebizzjoni ta' registrazzjoni fuq *compact disc* u traskrizzjoni relattiva li saret waqt laqgha li nzammet fl-

[1] Fol. 14A tal-process.
[2] Fol. 15 sa' 17 tal-process.
[3] Fol. 156 sa' 164 tal-process.
[4] Fol. 41 u 42 tal-process.
[5] Fol. 55 sa' 57 tal-process.
[6] Fol. 131 sa' 134 tal-process.
[7] Fol. 150 u 151 tal-process.
[8] Fol. 196 sa' 201 tal-process.
[9] Fol. 39 u 40 tal-process.
[10] Fol. 43 u 44 tal-process.
[11] Fol. 186 sa' 190 tal-process.
[12] Fol. 59 u 60 tal-process.
[13] Fol. 114 u 115 tal-process.
[14] Fol. 137 u 138 tal-process.
[15] Fol. 193 sa' 195 tal-process.
[16] Fol. 170 tal-process.
[17] Fol. 178u 179 tal-process.
[18] Fol. 52 tal-process.

ufficcju ta' l-attur f'Tas-Sliema u ghal liema laqgha kien hemm prezenti l-konvenut, l-attur, Kevin Mifsud u Joseph Balzan;

Rat id-Digriet moghti fil-25 ta' Frar 2010[19] permezz ta' liema giet michuda t-talba tal-konvenuti ghar-revoka *contrario imperio* tad-Digriet moghti fis-6 ta' Novembru 2003;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-atturi jitolbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta' Lm4,500, illum ekwivalenti ghal €10,482.18, rapprezentanti bilanc mhux imhallas minn prezz tal-bejgh ta' vettura tat-tip Volkswagen Golf bin-Numru ta' Registrazzjoni CBS-594, skond skrittura privata datata 2 ta' Gunju 1999. Il-konvenuti jilqghu ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huma ottemperaw ruhhom ma' dak li tipprovdi l-iskrittura ta' bejgh datata 2 ta' Gunju 1999. Il-bilanc li tieghu qed jintalab il-hlas permezz tal-proceduri odjerni ghandu skond dik l-iskrittura jithallas "*minn kull kont dovut lil Timeo Restaurant*", Klawsola Numru 1; (ii) fid-dawl ta' dak li gie pattwit, it-talba ta' l-atturi kellha ssir fil-konfront ta' Joseph Balzan li huwa l-proprjetarju tat-Timeo Restaurant u l-atturi rrikonoxxew li "*bhala responsabilità tal-pagamenti l-kondizzjoni tibqa' li t-Timeo Restaurant jibqa' responsabbli tal-pagament totali kif originarjament gie maqbul*"; huma ghalhekk jitolbu l-kjamata in kawza ta' Joseph Balzan; (iii) l-ebda parti ghal ftehim ma tista' tvarjah unilateralment, il-hlas ma jistax jintalab minghand il-konvenuti.

Mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti saljenti:

- Fit-2 ta' Gunju 2009, in forza ta' skrittura privata bl-istess data[20], il-konvenuti akkwistaw minghand l-atturi vettura ta' l-ghamla Volkswagen Golf bin-Numru ta' Registrazzjoni CBS-594 ghall-prezz globali ta' Lm11,000;
- In-Numru ta' Registrazzjoni tal-vettura akkwistata mill-konvenuti minghand l-atturi huwa CBF-594 u mhux kif indikat fl-iskrittura privata, evidentement biz-zball, CBS-594;
- Skond il-klawsola Nru. 1 tal-ftehim il-hlas tas-somma ta' Lm11,000 kellu jsir *kwantu ghal elfejn Lira Maltin illum akkont tal-prezz il-vendituri accettanti, il-bilanc jithallas fi zmien sentejn mill-llum, liema somma l-vendituri jaccettaw li jithallsu 50% minn kull kont dovut lil Timeo Restaurant*;

[19] Fol. 95 u 96 tal-process.
[20] Fol. 2 u 3 tal-process.

- Fiz-zmien in kwistjoni l-konvenut Brian Camilleri kien jahdem ma' Dambal Caterers Limited, operaturi tat-Timeo Restaurant, u dam jahdem ghall-imsemmija socjetà sat-30 ta' April 2000, id-data formali tat-terminazzjoni ta' l-impjieg, ghad illi bhala fatt kien qieghed *on forced leave* sa' minn Frar ta' dik is-sena[21];
- Is-socjetà Dambal Caterers Limited kienet ta' certu Joseph Balzan[22];
- Fiz-zmien meta Brian Camilleri kien impjegat mas-socjetà Dambal Caterers Limited u anke meta l-impjieg tieghu gie terminat, huwa kellu diversi arretrati ta' paga dovuti lilu[23];
- Fl-24 ta' April 2000 gie ffirmat *addemdum* ghall-iskrittura privata datata 2 ta' Gunju 1999, fejn gie stipulat illi *qed jigi permess mill-venditur li l-kompratur jista' johrog il-licenzja fuq ismu b'dana kollu l-venditur qed jirriserva l-qbil kollu hawn fuq anness u ghaldaqstant l-ebda kondizzjoni ohra mhux se tinbidel. Bhala responsabilità tal-pagamenti, il-kundizzjoni tibqa' li t-Timeo Restaurant jibqa responsabbli tal-pagament totali kif originarjament gie maqbul*[24];
- Bhala fatt jirrizulta li gew effettwati pagamenti ai termini tal-Klawsola Nru.1 ta' l-iskrittura privata datata 2 ta' Gunju 1999. Di fatti bejn l-24 ta' Awwissu 1999 u l-24 ta' Mejju 2001 gew effettwati pagamenti ghal total ta' €8,153.37 u fadal bilanc ta' €10,121.62[25]*;*
- It-Timeo Restaurant eventwalment ghalaq u ma baqghux jigi effettwati iktar pagamenti a tenur tal-Klawsola Nru.1 ta' l-iskrittura privata datata 2 ta' Gunju 1999*;*
- L-atturi ghalhekk bdew jippretendu l-hlas tal-bilanc li baqa' pendent minghand il-konvenuti li a loro volta rrifjutaw li jhallsu in bazi ghall-pretensjoni li kwalunkwe hlas dovut lill-atturi kellu jsir minn u kien responsabilità ta' Joseph Balzan skont it-termini ta' l-iskrittura privata datata 2 ta' Gunju 1999 u l-*addendum* iffirmat fil-24 ta' April 2000;
- Konsegwentement ghalhekk gew istitwiti l-proceduri odjerni.

Ghalkemm il-partijiet kontendenti ressqu diversi xhieda u provi estensivi in sostenn tal-posizzjonijiet rispettivi taghhom, il-Qorti hija tal-fehma li l-qofol tal-kwistjoni kollha jinsab fl-iskrittura privata datata 2 ta' Gunju 1999 u fl-*addendum* datat 24 ta' April 2000 u l-protata guridika u legali taghhom.

Il-konvenut jikkontendi li bis-sahha ta' dak provdut fl-iskrittura privata datata 2 ta' Gunju 2009 u iktar u iktar bis-sahha ta' l-*addendum* datat 24 ta' April 2000, ir-responsabilità ghall-hlas tal-bilanc dovut fuq il-vettura minnu akkwistata minghand l-atturi wara li huwa hallas is-somma ta' Lm2,000 akkont tal-prezz, kienet kompletament u esklussivament ta' Joseph Balzan.

[21] Dokument a fol. 148 u 149 tal-process, dokument a fol. 185 tal-process u affidavit ta' Marcello Cassar a fol. 28 u 29 tal-process u xhieda ta' Marcello Cassar moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Gunju 2013 a fol. 186 sa' 190 tal-process.
[22] Xhieda ta' Marcello Cassar moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Gunju 2013 a fol. 186 sa' 190 tal-process.
[23] Affidavit ta' Marcello Cassar a fol. 28 u 29 tal-process u xhieda ta' Marcello Cassar moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Gunju 2013 a fol. 186 sa' 190 tal-process u diversi xhieda moghtija mill-konvenut stess.
[24] Fol. 3 tal-process.
[25] Dokument esebit minn Kevin Mifsud a fol. 136 tal-process.

Konsegwentement jippretendi li l-atturi ghandhom jitolbu l-hlas tal-bilanc minnhom pretiz direttament minghand l-imsemmi Joseph Balzan.

Il-Klawsola ta' l-iskrittura privata datata 2 ta' Gunju 1999 li fuqha l-konvenuti jsostnu l-posizzjoni taghhom vis-à-vis it-talba ta' l-atturi hija l-Klawsola Nru.1, liema Klawsola tistipula li l-prezz totali ta' Lm11,000 jithallas *kwantu ghal elfejn lira matlin illum akkont tal-prezz il-vendituri accettanti; il-bilanc jithallas fi zmien sentejn mill-llum, liema somma l-vendituri accettaw li jithallsu 50% minn kull kont dovut lil Timeo Restaurant*[26]. Mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda tal-konvenut stess[27] u mix-xhieda ta' Marcello Cassar[28] jirrizulta li kien intlahaq dan il-ftehim, u cioè li minn kull kont li t-Timeo Restaurant kien johrog lill-attur ghal servizzi prestati lilu jew ahjar lil turisti mibghuta f'dak ir-restaurant mid-ditta ta' l-ivvjaggar ta' l-attur, l-attur kien ihallas lit-Timeo Restaurant nofs il-valur tal-kont filwaqt li n-nofs l-iehor kien imur favur il-bilanc dovut ghall-akkwist tal-vettura da parte tal-konvenuti, ghar-raguni li dak iz-zmien Joseph Balzan jew ahjar is-socjetà Dambal Caterers Limited, *qua* operatur tat-Timeo Restaurant, kienet debitrici tal-konvenut ghal diversi xhur ta' arretrati ta' paga. Jirrizulta wkoll li kien hemm xi zmien meta parti mill-paga dovuta lill-konvenut kienet tinqata' u tmur versu l-bilanc dovut ghall-akkwist tal-vettura in kwistjoni. Essenzjalment dawn il-hlasijiet li gew effettwati minn Joseph Balzan u/jew Dambal Caterers Limited lill-atturi dejjem saru bi flus li fl-ahhar mill-ahhar kienu minnu u/jew minnha dovuti lill-konvenut. Fid-dawl ta' tali fatt ghalhekk huwa evidenti, fil-fehma tal-Qorti, li dak li effettivament sar bis-sahha tal-Klawsola Nru.1 ta' l-iskrittura privata datata 2 ta' Gunju 1999 kien li l-konvenuti ddelegaw lil Joseph Balzan u/jew lis-socjetà Dambal Caterers Limited biex thallas lill-atturi l-bilanc dovut ghall-akkwist tal-vettura.

Fid-dawl ta' tali delega jista' jinghad u jigi kkunsidrat li l-konvenuti gew ezonerati w illiberati minn kwalunkwe responsabilità versu l-atturi ghall-hlas ta' kwalunkwe bilanc pendenti, partikolarment jekk il-persuna minnhom delegata biex thallas lill-atturi tieqaf teffettwa pagamenti, kif fil-fatt gara f'dan il-kaz? Ir-risposta ghal tali kwezit hija certament illi le.

Din l-osservazzjoni u konsegwenti konkluzzjoni tal-Qorti ssib konferma f'dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Pardi Enterprises Limited v. Joseph Farrugia et, Appell Civili Nru. 34/98** deciza fl-10 ta' Lulju 2003. F'dik is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) osservat li ghad li jkun hemm delega ta' pagament *dan però ma jfissirx illi l-kreditur huwa marbut b'din id-delega jew li minhabba fiha huwa prekluz milli jfittex lid-debitur principali tieghu. L-accettazzjoni tad-delegatarju ma ggib l-ebda vinkolu fuq il-kreditur u d-delega tibqa' biss kwestjoni bejn id-debitur u it-terz. Fil-Kodici Civili taghna l-materja hi*

[26] Sottolinear tal-Qorti.
[27] Vide affidavit tal-konvenut, fol. 20 tal-process.
[28] Vide affidavit ta' Marcello Cassar a fol. 28 u 29 tal-process u xhieda *viva voce* moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2003 a fol. 43 u 44 tal-process u waqt is-seduta ta' l-24 ta' Gunju 2013 a fol. 186 sa' 190 tal-process.

*raffigurata f'dak dispost fl-Artikolu 1148 (2) tieghu. Dan fis-sens li "l-obbligazzjoni tista' wkoll tigi mitmuma bil-hlas maghmul minn terza persuna li ma jkolliex interess fiha, basta li din il-persuna tagixxi fl-isem u ghall-helsien tad-debitur, jew, jekk tagixxi fl-isem taghha nfisha, basta li ma tigix imdahhla fil-jeddijiet tal-kreditur". Minn dan it-test tal-ligi huwa desumibbli illi l-kreditur la jista' jaderixxi u lanqas jirrifjuta l-offerta tal-hlas mit-terz. Dan huwa argomentat ukoll minn dak precizat fl-Artikolu 1149 (1) tal-Kap 16. F'kull kaz però l-obbligu tal-pagament jibqa' guridikament dejjem fuq id-debitur tal-kreditur. Id-delegazzjoni hi perfezzjonata bil-kompartecipazzjoni. Id-delegazzjoni hi perfezzjonata bil-kompartecipazzjoni tad-debitur u t-terz biss izda tikkompleta ruhha bl-indikazzjoni lill-kreditur tat-terza persuna li lilha d-debitur jiddelega biex thallas. Il-partecipazzjoni tal-kreditur mhiex rekwizit ghal finijiet tal-istess delega, u anzi ma hijiex rikjesta biex tissussisti d-delegazzjoni. Hi però necessarja l-adezjoni tad-delegatarju intiza bis-semplici accettazzjoni tad-delegazzjoni.* F'dak il-kaz partikolari l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) ulterjorment osservat illi: *riportati dawn l-osservazzjonijiet ghal kaz partikolari hawn ezaminat ghandu jfisser li l-konvenut Camilleri gie delegat iva mill-appellant biex ihallas dak dovut mill-appellant lis-socjetà attrici – u effettivament thallas mill-istess Camilleri parti mis-somma hekk dovuta – izda b'daqshekk l-appellanti ma giex ezonerat mill-obbligu li jhallas kull bilanc, f'kaz ta' nuqqas ta' versament tal-hlas da parte ta' Camilleri, delegatarju tieghu. F'sitwazzjoni bhal din l-appellanti ma jistax jippretendi li hu ma baqalux x'jaqsam mal-pagament reklamat. Lanqas ma jista' jippretendi li s-socjetà attrici ghandha toqghod tikkontempla l-qaghda sakemm huwa u l-konvenut l-iehor jirrizolvu l-kontroversja ta' bejniethom.*

Il-konvenut però jishaqq u jinsisti li d-dejn tieghu u ta' martu versu l-atturi gie jew assunt jew garantit minn Joseph Balzan u dana partikolarment fid-dawl ta' dak stipulat fl-*addendum* datat 24 ta' April 2000 u tad-diskors li sar bejn l-attur u Joseph Balzan waqt laqgha li kellhom bejniethom, liema diskors gie registrat mill-konvenut a insaputa taghhom. L-*addendum* datat 24 ta' April 2000 jipprovdi li *qed jigi permess mill-vendituri li l-kompratur jista' johrog il-licenzja fuq ismu b'dana kollu l-venditur qed jirriserva l-qbil kollu hawn fuq anness u ghaldaqstant l-ebda kondizzjoni ohra mhux se tinbidel. Bhala responsabilità tal-pagament, il-kundizzjoni tibqa' li t-Timeo Restaurant jibqa responsabbli tal-pagament totali kif originarjament miftiehem.* Stabbilit li l-ftehim originali milhuq bl-iskrittura privata datata 2 ta' Gunju 1999, kien essenzjalment wiehed ta' delega, liema delega giet accettata ghaliex bhala fatt gew esegwiti hlasijiet lill-atturi, difficilment jista' jinghad li dak il-ftehim u iktar u iktar il-protata guridika u legali tieghu gew b'xi mod mibdula jew varjati – ossia li Joseph Balzan assuma d-dejn tal-konvenuti jew li dahal bhala garanti ghad-dejn tal-konvenuti versu l-atturi bl-*addedendum* datat 24 ta' April 2000, u cioè li fi ftit kliem sehhet novazzjoni.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li n-novazzjoni ssehh *"meta debitur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur".*

*Novazzjoni, però, mhix prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car, u inoltre m'hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tigix maqtula. Inoltre kif jinghad fl-artikolu 1183 tal-Kap. 16, "id-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor, illi jintrabat lejn dan il-kreditur, ma ggibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volontà tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni."*[29]

Meta jigi kkunsidrat li fl-*addendum*, li lanqas huwa ffirmat mill-konvenuti, hemm specifikatament provdut u stipulat illi ghad illi l-attur kien qed jaghti l-kunsens tieghu biex il-konvenuti johrog il-licenzja tal-vettura, li sa' dak iz-zmien kienet ghadha f'isem l-attrici Sharon Borg Costanzi, f'ismu, *il-venditur qed jirriserva l-qbil kollu hawn fuq aness u ghaldaqstant l-ebda kondizzjoni ohra mhux ser tinbidel*, difficilment jista' jinghad li l-posizzjoni guridika ta' Joseph Balzan u/jew Dambal Caterers Limited *qua* delegat giet mibdula ghal debitur uniku u principali ta' l-atturi. Ghalkemm l-attur ta l-kunsens tieghu biex il-licenzja tohrog fuq isem il-konvenut ghad illi kien ghadu ma thallasx il-prezz intier tal-vettura minnu mibjugha lill-konvenuti, ma jistax jinghad li b'dak il-kunsens u awtorizzazzjoni kien, b'xi mod, qed jillibera lill-konvenuti mill-obbligi taghhom *qua* debituri tieghu. Ghad illi kien hemm din il-bidla mill-posizzjoni originali bejn l-atturi u l-konvenuti, xorta wahda b'daqshekk ma jistax jinghad li sehhet novazzjoni ghar-raguni li huwa principju guridiku assodat illi *"hemm novazzjoni oggettiva meta ssir obbligazzjoni gdida li tigi sostitwita ghall-ohra pre-ezistenti, u b' hekk tigi estinta. U b' ligi espressa, in-novazzjoni ma tistax tigi prezunta, u l-animus novandi ghandu jirrizulta b' mod car u univoku. In-novazzjoni oggettiva tacita ghandha tirrizulta minn imkompatibilita`bejn l-'id quod actum est' u l-eskluzjoni tal-volontà li ssir novazzjoni u ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula, imma sempliciment modifikata; ghaliex billi issir xi modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra. Mhux kull modifika, ghalhekk, iggib l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni, billi l-partijiet jistghu jzidu jew inaqqsu xi haga minghajr ma tigi annullata l-obbligazzjoni, bir-rizultat li tkun giet biss modifikata*[30].

Ghalkemm fir-registrazzjoni esebita mill-konvenut, dwar il-validità legali u l-valur probatorju ta' liema l-Qorti ghandha r-riservi serji taghha, jinstema' xi hadd, li skond il-konvenut hu Joseph Balzan, jghid *isma lil ahna ghandha arrangement fejn jghid li t-Timeo qieghed jaghmel, qieghed jiggarantixxi l-pagamenti tal-karozza ... inti tista' tghid ukoll li bhala responsabilità tal-pagament fil-kundizzjoni tibqa' li Timeo restaurant jibqa' responsabbli ghall-pagament totali*[31], b'daqshekk ma jfissirx la illi trid tigi rikonoxxuta fil-

[29] C&B Autoparts Limited v. Caroline Spiteri et, Appell Civili Nru. 2109/00 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Lulju 2005.
[30] John's Garage Limited v. Nicholsons The Supermarket Limited, Appell Civili Nru. 488/02 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Gunju 2005.
[31] Vide traskrizzjoni maghmula minn Charles Vella u esebita a fol. 58 tal-process.

persuna ta' Joseph Balzan il-figura legali ta' garanti tad-dejn tal-konvenuti versu l-atturi jew li dan Joseph Balzan assuma hu fil-konfront ta' l-atturi d-dejn tal-konvenuti jew illi sehhet novazzjoni b'dana li Joseph Balzan dahal bhala l-uniku u principali debitur ta' l-atturi.

Fir-rigward jigi osservat li huwa principju guridiku assodat illi skond il-Ligi – artikolu 1929 tal-Kodici Civili – "il-garanzija ma tistax tkun prezuna izda ghandha tkun espressa". L-Artikolu 1233(1)(c) imbaghad izid li l-garanziji jridu jkunu bil-miktub "taht piena ta' nullità" ... *Il-figura ta' assunzjoni tad-dejn da parti ta' terz hija figura differenti minn dik ta' fidejussione, u min jassumi dejn, isir kodebitur principali mal-ewwel debitur; din l-assunzjoni, tista' ssir anke verbalment, però, trid tkun cara u inekwivoka. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Xuereb vs Cremona", deciza fis-7 ta' Marzu 1957 (Vol. XLI.II.924), il-kliem "ahna naghmlu tajjeb ghalih" ma jindikawx assunzjoni ta' dejn, izda ghoti ta' garanzija, li, però, hija nulla ghax ma tirrizultax bil-miktub*[32].

Mill-gdid jigi osservat li in verità Joseph Balzan u/jew Dambal Caterers Limited ma kienux qed ihallsu lill-atturi bi flejjes proprio – u dana lanqas wara l-24 ta' April 2000 – ghar-raguni li kien qed isir il-hlas lill-atturi b'dan il-mod ghaliex a sua volta Dambal Caterers Limited u/jew Joseph Balzan kienu debituri tal-konvenut Brian Camilleri. B'hekk strettament il-hlas lill-atturi kien qed isir bi flejjes fl-ahhar mill-ahhar dovuti u b'hekk appartenenti lill-konvenut u ghaldaqstant ma jistax jinghad u jitqies li kien hemm assunzjoni tad-dejn tal-konvenuti versu l-atturi da parte ta' Joseph Balzan u/jew il-kumpanija tieghu. Fir-rigward jigi osservat illi *huwa elementari illi meta persuna tassumi li thallas id-dejn dovut mit-terz din tkun qed taghmel dan bi flejjes proprji taghha u mhux, allura, bi flejjes tad-debitur innifsu. Kif ragunat minn certi trattisti taljani, fosthom Cian ("Pagamento" D, 4a ed. 241s) u Bianca ("L'Obbligazione", 286 ss.) "l'adempimento del terzo costituerebbe atto negoziale solo quando il terzo medesimo, nell'adempiere, disponga della propria sfera giuridica. (cio` che deve escludersi, ad esempio, quando il terzo utilizzando denaro ricevuto dal debitore), rimanendo, altrimenti, un semplice atto esecutivo"*[33].

Dato ma non concesso li b'effett mill-24 ta' April 2000, Joseph Balzan seta' assuma l-hlas tad-dejn tal-konvenuti versu l-atturi b'daqshekk ma jfissirx li l-istess konvenuti gew b'mod awtomatiku mehlusa mir-responsabilitajiet taghhom versu l-istess atturi u dana billi *"...l'assunzione del debito per parte di un terzo è una figura guiridica diversa delle fidejussione, poiche', chi assume un debito si obbliga in via principale, a differenza del fidejussiore.*

[32] J. & C. Pisani Limited v. Nicholsons The Supermarket Limited et, Citaz. Nru. 1499/01 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003.
[33] PJ Shutters Company Limited v. Michael Debono, Appell Civili Nru. 763/02 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April 2004.

*Essa e' anche diversa dalla novazione* ***siccome non importa necessariamente la liberazzione del debitore****"*[34].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirrizulta li thares minn fejn thares lejn il-posizzjoni tal-konvenuti jirrizulta b'mod car li kuntrarjament ghal dak minnhom pretiz, huma debituri ta' l-atturi u per konsegwenza obbligati li jhallsuhom ir-rimanenti bilanc mill-prezz tal-vettura minnhom akkwistata minghandhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' €10,121.62, il-bilanc li attwalment jirrizulta dovut mill-provi, bl-imghax legali dekoribbli mill-5 ta' Ottubru 2001, id-data tan-notifika ta' l-Avviz lill-konvenuti, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi l-ispejjez relattivi ghall-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz promotur, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

[34] Bartolo v. Vigo deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Gunju 1929, Vol. XXVII.I.817, citata fis-sentenza PJ Shutters Company Limited v. Michael Debono, Avviz Nru. 763/02 deciza mill-Qorti ta' Magistrati (Malta) fis-16 ta' Dicembru 2002, liema sentenza giet ikkonfermata fl-appell b'sentenza pronuncjata fit-28 ta' April 2004. Enfasi tal-Qorti.